# X'GĦANDI NAGĦMEL BIEX INSALVA?

Minn
George Ebejer

# X'GĦANDI NAGĦMEL BIEX INSALVA?

L-akbar mistoqsija li qatt għandha tkun ikkunsidrata hija,

"***X' għandi Nagħmel Biex Insalva?***"

Fejn ir-ruħ tiegħek se tgħaddi l-eternità?

Il-bniedem hu mitluf minħabba l-fatt li huwa ħati tad-dnub, għax,

> "*il-bnedmin* ***kollha*** *dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla*" (Rumani 3:23; enfasi tiegħi).

Madankollu, Alla ma jrid lil ħadd li jintilef imma li kulħadd isalva (1 Timotju 2:4; 2 Pietru 3:9).

## TRID LI TMUR L-INFERN?

Alla mhux se *jibgħat* lil ħadd fl-infern. Jekk inti tmur hemm ir-raġuni ta' dan tkun bl-għażla u bil-volontà tiegħek stess.

Jekk persuna trid li tmur fl-infern, hemm ħafna toroq biex tmur hemm. Hemm triq waħda biss biex tmur fis-Smewwiet (il-Ġenna), imma ħafna toroq biex tmur fl-infern! (Mattew 7:13, 14). Ukoll, wieħed jista' jkun ċert dwar ħaġa waħda—hu jkollu kumpanija kbira fi triqtu. Ikun hemm ħafna biex igħaddu l-eternità fl-infern. Barra minn dan, wieħed jista' jkollu żmien ta' pjaċiri fil-ħajja tiegħu jixxala fi pjaċiri tad-dinja fi triqtu għall-infern. Iżda, ftakar dan il-fatt: kastig etern fl-infern huwa żmien twil ħafna ta' niket imqabbel mal-ftit mumenti ta' tgawdija tal-pjaċiri tad-

dinja. Onestament, trid int li ssalva? Qatt int staqsejt: "***X'għandi nagħmel biex insalva?***" jew tħossok moħħok mistrieħ għaliex forsi int kont mgħammed (?) bħala tarbija u minn għalik li dik il-magħmudija kienet Skritturali meta fil-fatt mhijiex! Jew tħossok ukoll li inti kont salv qabel ma kont mgħammed għaliex forsi xi ħadd għallmek li l-magħmudija mhix *għall-maħfra tad-dnubiet* (Atti 2:38; 22:16) u għalhekk mhix *prere-kwiżit* għas-salvazzjoni! Dak huwa kollu tagħlim falz tal-bnedmin u mhux tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu li jwassal lill-persuna għat-telfien ta' dejjem. (Ara Efesin 5:6.)

Il-mistoqsija, "***X'għandi nagħmel biex insalva?***" hija kemm magħmula kif ukoll imwieġba fit-Testment il-Ġdid. Eżempju tajjeb insibuh f'Atti 16:25-34,

> *"Għall-ħabta ta' nofs-il-lejl Pawlu u Sila bdew jitolbu u jfaħħru 'l Alla bl-innijiet, u l-ħabsin jisimgħuhom. F'daqqa waħda sar terremot hekk kibr li s-sisien tal-ħabs theżhżu, minnufih il-bibien kollha nfetħu beraħ u nħall l-irbit ta' kulħadd. Kif il-għassies stenbah u ra l-bibien tal-ħabs miftuħa beraħ, silet is-sejf u kien se jneħħi ħajtu b'idejh, għax stħajjel li l-ħabsin kieu ħarbu. Imma Pawlu għajjat b'leħen għoli u qallu: "Tagħmel ebda ħsara lilek innifsek, għax aħna lkoll hawn." Il-għassies talab id-dawl, daħal jiġri, u mriegħed bil-biża' xteħet f'riġlejn Pawlu u Sila. Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom:*

> "*Sinjuri,* ***x'għandi (jiena) nagħmel biex in-salva?***" *Huma weġbuh: "**Emmen** fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek." U ħabbrulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru. Dak il-ħin stess, bil-lejl, il-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi, u **bla telf ta' żmien tgħammed** hu u niesu kollha. Imbagħad tellagħhom id-dar tiegħu, għamlilhom mejda, u feraħ man-nies kollha ta' daru talli kien emmen f'Alla*" (enfasi tiegħi).

Xi denominazzjonijiet igħallmu li wieħed isalva *qabel* ma huwa jitgħammed u jikkwotaw siltiet mill-Iskrittura fejn jintqal, kif intqal lil għassies, biex temmen u ssalva. Imma dan hu kollu tagħlim żbaljat għaliex b'hekk tkun qiegħed tikkwota vers barra mill-kuntest tiegħu, kif fil-fatt hekk dejjem isir. Il-Mulej jgħid hekk dwar minn igħallem dak it-tagħlim u tagħlim ieħor bħalu:

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej' u mbagħad **ma tagħmlux** dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46).

Kull persuna għandha **tagħmel** xi ħaġa hi biex issalva. Hekk igħid il-Mulej! Alla jagħmel il-parti Tiegħu u aħna għandna nagħmlu l-parti tagħna, billi *nobdu* u *nagħmlu* dak kollu li Hu jikkmandana biex *nagħmlu*! Il-Kelma ta' Alla tgħid hekk dwar min irid li jsalva:

> "*Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni **u jiftaħli** l-*

*bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi*" (Apokalissi 3:20; enfasi tiegħi).

"*L-ispirtu u l-Għarusa jgħidu: "Ejja! Min jisma', ħa jgħid: "Ejja!" U min hu bil-għatx, ħa jiġi, ħa jieħu b'xejn* ***min irid*** *l-ilma tal-ħajja*" (Apokalissi 22:17; enfasi tiegħi).

Aħna għandna nkunu **rridu** jew **ma rridux** li nifthu l-bieb lil Ġesù u aħna, **jekk irridu**, nieħdu b'xejn l-ilma tal-ħajja! Alla ma jisforza lil ħadd. Alla jsalvana bil-grazzja Tiegħu imma dik hija l-parti Tiegħu. Jiddependi minna jekk naċċettawx u nilqgħux dik il-grazzja jew le, jew li nkunu **rriduha** billi nifthulu l-bieb u li nkunu rridu li nieħdu mill-ilma tal-ħajja offrut mill-Mulej jew le! Imma ħalli nkomplu naraw aktar fid-dettall dwar dan.

## IL-MISTOQSIJA

Innota l-importanza ta' din il-mistoqsija ta' destin.

1. "**X'għandi?**"

"*X'għandi* (jiena) nagħmel biex insalva?" Il-kelma "x'għandi" hija importanti. Hemm xi ħaġa li persuna *għandha tagħmel* biex issalva u mhux kif igħallmu xi wħud. Hemm xi reliġjużi li jiddikjaraw li ma hemm xejn li persuna tista' tagħmel biex tintilef, ladarba hija tkun salva. Il-Bibbja tiddikjara:

"*Salvaw lilkom infuskom minn dan in-nisel ħażin*" (Atti 2:40),

> "*Aħdmu s-salvazzjoni tagħkom stess bil-biża' u t-tregħid*" Filippin 2:12).

L-appostlu Pawlu ddikjara,

> "*Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma b'don ta' Alla; mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar*" (Efesin 2:8-9).

Il-parti ta' Alla hija permezz tal-grazzja, imma l-parti tal-bniedem hija permezz tal-fidi fl-azzjoni, ubbidjenza lejn il-Kelma ta' Alla.

2. "**X'għandi**"

"*X'għandi* (jiena) nagħmel?" hu staqsa. Il-mistoqsija timplika xi ħaġa li GĦANDHA ssir. Din hija imperattiva! Persuna għandha tagħmel xi ħaġa, jew tintilef!

3. "**Jiena**"

"*Xgħandi jiena nagħmel biex insalva?*" Din hija materja personali. Ħadd aktar ma jista' jirrisolvi din il-mistoqsija għalik. La ommok, la missierek, la martek, la żewġek, la l-qassis Kattoliku Ruman jew Protestant, la l-parrinu u ebda persuna oħra. Tassew, huwa x'għandi **jiena** nagħmel biex insalva?

Ħalli noservaw dan il-każ ta' konverżjoni, irrivelat f'Atti 16:25-34, biex naċċertaw it-tweġiba għal din il-mistoqsija tal-Bibbja ta' ħajja u destin.

## ĊIRKUSTANZI MHUX KONDIZZJONIJIET

Ħafna nies onesti kienu mwassla biex jemmnu li ċirkustanzi pekuljari esperjenzati minn persuna jistgħu jkunu t-tweġiba għal din il-mistoqsija ta' destin.

Ħafna testimonjanzi ta' esperjenzi mhux tas-soltu kienu off-ruti bħala xhieda tas-salvazzjoni. Imma dan hu żball serju. Hemm differenza kbira f'ċirkustanzi li jattendu fil-konverżjoni ta' persuna għal Kristu u l-kondizzjoni-jiet tassew tas-salvazzjoni. Ċirkustanzi mhumiex it-tweġiba. Ċirkustanzi jistgħu jkunu varjati, imma l-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni dejjem huma l-istess.

Pawlu u Sila kienu predikaturi ta' l-Evanġelju. Huma kienu ġew mitfugħa l-ħabs, kienu msawwta bi bsaten, irċevew ħafna daqqiet għaliex ippriedkaw l-Evanġelju. Waqt li kienu fil-ħabs huma talbu u kantaw tifħir lil Alla fis-siegħa ta' nofs-il-lejl. Xi spirtu ta' l-għaġeb! Tassew, kienu nies kbar ta' Alla.

F'daqqa waħda kien hemm terremot kbir. Il-peda-menti tal-ħabs theżħżu, il-bibien infetħu, u l-irbit kollu tal-priġunieri nħall. L-għassies, billi qam mir-raqda tiegħu minħabba t-terremot, ra l-bibien miftuħa, ħareġ is-sejf tiegħu u kien se joqtol lilu nnifsu billi ħaseb li l-priġunieri kienu ħarbu, imma Pawlu għajjat b'vuċi għolja: "*Tagħmel ebda ħsara lilek innifsek, għax aħna lkoll hawn.*" X'ċirkustanzi mhux tas-soltu kienu dawn! Kien hawn li l-għassies niżel ma' l-art quddiem Pawlu u Sila u ħariġhom barra u qal, "*Sinjuri, x'għandi (jiena) nagħmel biex insalva?*"

Jekk aħna niżbaljaw iċ-ċirkustanzi pekuljari li atten-dew il-konverżjoni ta' l-għassies, għall-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni, allura kull darba li persuna tikkonverti għall-Mulej, il-predikatur għandu jkun imsawwat u mitfugħ fil-ħabs u jkun hemm terremot ma' kull kon-verżjoni! Ċirkustanzi jattendu

konverżjonijiet ma jaffettwawx il-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni.

## IT-TWEĠIBA—ISMA' EMMEN

"*X'għandi (jiena) nagħmel biex insalva?*" It-tweġiba ġiet mill-irġiel ta' Alla immedjatament. Huma qalu,

> "*Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek.*"

Ebda persuna *responsabbli* ma tista' tkun salva mingħajr ma *temmen* fil-Mulej Ġesù Kristu. F'Lhud 11:6 jintqal lilna li huwa impossibbli li wieħed jogħġob lil Alla mingħajr fidi; waqt li fi Ġwanni 8:24 Ġesù jgħidilna,

> "*Jekk intom ma temmnux li jien hu dak li hu, tmutu fi dnubietkom.*"

Il-mistoqsijiet li għandhom ikunu irrisolvuti huma: Xi jfisser li temmen fil-Mulej Ġesù Kristu? Ifisser biss sempliċiment li temmen fi Kristu li tagħti approvazzjoni mentali tal-moħħ li Kristu Hu l-Iben ta' Alla? Skond il-Bibbja, twemmin fi Kristu huwa wisq aktar minn dak.

Isma' lil l-appostlu Pawlu, f'Rumani 10:13-17, hekk kif hu jikkwota lill-profeta Ġoel 2:32:

> "*Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva. Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih?*"

Issa, isma' l-konklużjoni:

> "*Għax il-fidi (twemmin) tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Alla.*"

Innota, l-appostlu kiteb: "*Kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih u kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih?*" Huma ma kinux jistgħu jemmnu sakemm kienu semgħu. Huwa, għalhekk ċar ħafna li meta Pawlu qal lill-għassies *biex jemmen fil-Mulej*, kien meħtieġ li l-għassies jintqal *lilu X'GĦANDU jemmen* qabel ma hu jkun jista' jemmen. Ma ntqalx lilu biex jemmen biss. Ħafna predikaturi denominattivi llum jistgħu jinstemgħu jgħidu: "Sempliċiment emmen biss u tkun salv." Jew, "Sempliċiment poġġi jdejk fuq ir-radju u emmen fil-Mulej u tkun salv sewwasew fejn inti tkun." Jew, "Sempliċiment żomm idek 'il fuq." Dawn spiss nismgħuhom u narawhom fuq ċerti stazz-jonijiet tat-televiżjoni tagħna, u huma ħafna li qegħdin jinqabdu f'dak it-tagħlim falz! Mhux hekk fil-Bibbja, iżda. *Huwa preċedent perikoluż ħafna, li tikkwota passaġġ jew vers mill-Bibbja f'appoġġ għall-veduti tiegħek, meta t-tifsira ta' l-Awtur li kitbu, li Hu Alla Nnifsu, kienet differenti minn dik li tkun mogħtija lilu*. Illum huma ħafna mexxejja reliġjużi li qegħdin igħall-mu li persuna hija salva *bil-fidi biss*. Imma l-Kelma ta' Alla tgħallem mod ieħor!

## EMMEN BISS?

Fidi weħidha ssalva? It-tweġiba hija, **Le**! Fidi weħi-dha hija mejta! L-Ispirtu s-Santu kkonkluda:

> "*Taraw, mela li l-bniedem "ikun iġġus-tifikat bil-għemil,* ***mhux bil-fidi biss***" (Ġakbu 2:17-24; enfasi tiegħi).

Hemm xi ħaġa li persuna GĦANDHA TAGĦMEL biex issalva. Li *temmen biss* qatt ma salva lil ħadd. Ġakbu kkonkluda lis-salvazzjoni "MHIJIEX BIL-FIDI BISS." Fir-rakkonti kollha tal-konverżjonijiet, li jin-sabu fil-Ktieb ta' Alla, aħna **qatt** ma naqraw dwar xi persuna li kienet slava bil-fidi biss!

Wara li qalu lill-għassies biex jemmnen fil-Mulej (vers 31), sewwasew fil-vers ta' wara (v. 32) naqraw,

> "*U* ***ħabrulu*** *l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru*" (enfasi tiegħi).

Għaliex huma ħabbrulhom il-Kelma tal-Mulej wara li kienu qalulhom biex jemmnu fil-Mulej? It-tweġiba hija, għaliex huma ma kinux jistgħu jemmnu sakemm ikunu semgħu, għax il-fidi (twemmin) *tiġi mis-smigħ tal-kelma ta' Alla* (Rumani 10:17). Kien meħtieġ għal l-għassies u niesu li jisimgħu l-Kelma ta' Alla; im-bagħad, wara li jisimgħu l-Evanġelju, kien meħtieġ għalihom biex jemmnu u jobdu sabiex ikunu salvi. Huma hekk għamlu. Kristu Hu l-Awtur tas-salvazzjoni għal dawk kollha *li jobduh* (Lhud 5:9).

## INDIEMA - MAGĦMUDIJA

Ubbidjenza għall-Evanġelju hija essenzjali għas-sal-vazzjoni. Pawlu u Sila ppriedkaw "il-kelma tal-Mulej" u l-għassies *emmen u obda* l-kelma tal-Mulej. Dawk li *ma jobdux* (mhux li ma jemmnux) l-

Evanġelju ta' Kristu jkunu mitlufa. L-Ispirtu s-Santu jgħid hekk dwar dawn:

> "*Alla għad jagħmel is-sewwa, u jrodd it-tbatija lil dawk li qegħdin iġagħlukom issofru; u għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak innhar li Sidna Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u lil dawk* ***li ma jobdux*** *l-Evanġleju ta' Sidna Ġesù. Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ Alla u mis-sebħ tal-qawwa tiegħu*" (2 Tessalonikin 1:6-9; enfasi tiegħi).

Ġakbu jgħid hekk,

> "*Kunu intom dawk li* ***jagħmlu*** *l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu bikomn infuskom. Għax jekk xi ħad djisma' l-kelma* ***u ma jagħmilhiex****, ikun bħal bniedem li jara f'mera l-woiċċ libih twieled: jara lilu nnifsu, jitlaq, u malajr jinsa ki fkien. Imma dak li jagħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsin, u jżomm ħiħ magħha, ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li* ***jagħmilha****; hieni dan fil-għemil tiegħu*" (Ġakbu 1:22-25; enfasi tiegħi).

Il-Mulej tagħna Nnifsu jgħidilna l-istess kliem:

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej' u mbagħad* ***ma tagħmlux*** *dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46; enfasi tiegħi).

Fidi weħidha *ma tiswa xejn*, **hi mejta**! (Ġakbu 2:17).

Pawlu kkmanda lil l-għassies biex ikun mgħammed fi Kristu meta hu "*ħabbar il-kelma tal-Mulej.*

Il-Mulej ikkmanda,

> "*Morru, mela, fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen U jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16:15-16; enfasi tiegħi).

Ippriedkaw Pawlu u Sila dan l-Evanġelju (l-Aħbar it-Tajba) lil l-għassies? Ma jista' jkun hemm ebda dubju dwar dan; jekk Pawlu ppriedka "*l-kelma tal-Mulej,*" dan hu dak li huwa ppriedka għaliex din hija l-Kelma tal-Mulej. Ma tafx int li meta ntqal li huma "*ħabbrulhom il-kelma tal-Mulej,*" bħala messaġġiera fidili ta' l-Evanġelju, huma qalu lil l-għassies sewwasew dak li Kristu qal li n-nies għandhom jagħmlu biex isalvaw, jiġifieri, "*Min jemmen U jitgħammed isalva.*" Ukoll, aħna nafu li huma ppriedkaw il-kmand ta' Kristu, u mhux tal-mexxejja reliġjużi moderni, jiġifieri li "*Min jemmen U jitgħammed isalva*" u mhux "min jemmen isalva u jitgħammed," jew "min jitgħammed isalva u jemmen" fil-każ tal-magħmudija tat-trabi! Kull persuna ħajja li temmen tinsab f'xi waħda minn dawn il-kategoriji li se nsemmi hawn taħt. Ara inti, wara tkun qrajt dan, f'liema kategorija tinsab. L-importanti huwa li tkun fil-kategorija tal-Mulej u mhux tal-bnedmin!

Kif diġa' rajna, fil-Vanġelu ta' Mark, naqraw hekk:

> "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. **Min jemmen** u jitgħammed isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:16; enfasi tiegħi).

Hawn nixtieq nispjega fil-qosor kemm hawn tagħlim falz illum dwar dak li qal il-Mulej u kif mexxejja reliġjużi qegħdin iġibu l-Kelma ta' Alla *fix-xejn*! Ġesù ordna:

"*Min Jemmen U Jitgħammed Isalva…*"

Il-Knisja Kattolika Rumana tordna:

"*Min jitgħammed isalva u jemmen…*"

It-trabi ma jistgħux "jemmnu" għalhekk jgħammduhom biex ikunu salvi (skond huma) u mbagħad meta jikbru "jemmnu"! Imma dan mhuwiex dak li ordna l-Mulej tagħna!

Mexxejja reliġjużi oħra, jieħdu l-awtorità li hija ta' Kristu biss (Mattew 28:18) u jordnaw:

"*Min jemmen isalva u jitgħammed…*"

Dawn igħallmu dan it-tagħlim falz għaliex huma jemmnu li l-magħmudija mhix meħtieġa għas-salvazzjoni. Persuna ssalva meta hija temmen u mbagħad *wara* li tkun salva hija titgħammed, igħidu huma! Imma dan lanqas ma huwa dak li ordna l-Mulej tagħna!

Ara, issa kif l-ordni tal-Mulej, f'Mark 16:16 il-mexxejja reliġjużi tad-dinja ġabuha fix-xejn:

**Ġesù ordna**:

"(1) *Min (2) Jemmen U (3) Jitgħammed (4) Isalva…*" (1 – 2 – 3 – 4) – Mark 16:16.

Il-Knisja Kattolika Rumana tordna:

"(1) *Min (3) jitgħammed (4) isalva u (2) jemmen…*" (1 – 3 – 4 – 2)

Ħafna mid-denominazzjonijiet jordnaw:

"(1) *Min (2) jemmen (4) isalva u (3) jitgħammed…*" (1 – 2 – 4 – 3)

Issa, immaġina lin-numru tat-telefon tiegħi huwa, 898270. Jekk inti ċċempel dak in-numru, il-vuċi *ta' min* int se tisma' fuq in-naħa l-oħra tal-linja? Ċertament li ta' George, jiġifieri, tiegħi! Imma jekk inti tibdel xi numru minnhom, eżempju, 889270, tista' ddum iċċempel għal snin sħaħ għaliex int **qatt** m'inti se tisma' l-vuċi tiegħi imma ta' xi ħadd ieħor, u t-tweġiba tkun, "numru ħażin" (wrong number). U jekk ikun in-numru l-ħażin int m'intix se tinqeda! Hekk ukoll in-numru spiritwali, jekk inti ċċempel in-numru 1234, il-vuċi *ta' min* se tisma' fuq in-naħa l-oħra tal-linja *spiritwali*? Ċertament tal-Mulej Ġesù Kristu. Imma jekk inti ċċempel 1342 jew 1243 int sejjer tisma' l-vuċi ta' ħaddieħor u mhux tal-Mulej għaliex tkun ċempilt in-numru l-ħażin u l-viċi li inti sejjer tisma' se tkun dik ta' Satana u mhux tal-Mulej! L-uniku mod biex int tisma' lill-Mulej huwa li ċċempel in-numru **1234**. Kemm jekk wieħed jaqbel u kemm jekk ma jaqbilx, dan mhux se jinbidel!

In-numru tal-Mulej xorta se jibqa', **1234**. In-numru tal-Mulej ħadd ma jista' jbiddlu! Kull persuna reliġjuża tinsab f'waħda minn dawn il-kategoriji, jiġifieri, jew fil-kategorija 1234, jew fil-kategorija 1342 jew fil-kategorija 1243. L-importanti, iżda, li tkun fil-kategorija 1234 għaliex **dik biss issalvak**! Dik biss twasslek għand is-Salvatur tagħna, Sidna Ġesù Kristu! Qiegħed tinduna, "*Alla jgħid*" u "*intom tgħidu*"! (Mattew 15:4, 5). Alla jgħid, **1234**, intom (il-bnedmin) tgħidu, 1342 u 1243. U lil min aħna jeħtieġ li nobdu aktar? (Ara Atti 5:29). Il-kustjoni hija bejnek u bejn il-Mulej u ħadd aktar!

Aħna nafu wkoll li Pawlu u Sila ħabbru lil l-għassies il-kmand ta' Kristu li "*min jemmen u jitgħammed isalva*,"meta huma "*ħabbru l-kelma tal-Mulej*," għaliex vers 33 tar-rakkont divin jirrivela:

> "*Dak il-ħin stess, bil-lejl, il-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi. U* ***bla telf ta' żmien tgħammed*** *hu u niesu kollha*" (enfasi tiegħi).

Xi żmien ilu, jiena kont qiegħed nitkellem ma raġel li jemmen li hu kien salv qabel il-magħmudija fejn qalli li huwa tgħammed *sena wara li kien salv*! Jiena qrajtlu dawn is-siltiet mill-Kelma ta' Alla, imma l-bnedmin xi kultant tant huma għomja għall-veru Kelma ta' Alla li huma lesti jobdu aktar it-tagħlim żbaljat tal-bnedmin milli jobdu l-Kelma ta' Alla. Żgur li "*bla telf ta' żmien*" ma tfissirx sena wara!

Il-mistoqsija hawn hija: Għaliex huma kienu mgħammda, saħansitra fl-istess siegħa tal-lejl? (U mhux

sena wara). Għaliex huma "emmnu fil-Mulej" u obdew jew għamlu il-Kelma tal-Mulej. Huma emmnu lil Kristu meta Hu kkmanda: "*Min jemmen u jitgħammed isalva.*" Huma obdew lil Kristu meta Hu qal,

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej' u mbagħad **ma tagħmlux** dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46; enfasi tiegħi).

Huma riedu **jagħmlu** dak li ordna l-Mulej u mhux jagħmlu dak li jordnaw il-bnedmin kif fil-fatt qiegħed isir illum minn ħafna nies reliġjużi.

"*X'għandi nagħmel bies insalva?*" L-għassies u dawk ta' daru kienu salvi bil-fidi **U** bl-ubbidjenza. Hu-ma nidmu minn dnubiethom, huma kienu mgħammda fi Kristu għall-maħfra ta' dnubiethom fejn saru ħol-qien ġdid fi Kristu (Atti 16:33; 2:38; 2 Korintin 5:17). Billi obdew "il-forma ta' duttrina," il-mewt, difna, u qawmien ta' Kristu, bil-magħmudija, huma kienu mbagħad "magħmula ħielsa mid-dnub" (Rumani 6:3-5, 17, 18).

## X'GĦAMEL PAWLU (SAWL)?

F'Atti 9:1-18 u Atti 22:3-16, aħna għandna r-rakkont tal-konverżjoni ta' Sawl. Skond Pawlu nnifsu, kif miktub f'Atti 22:3 u 23:1, hu kien raġel li għex quddiem Alla dejjem b'kuxjenza safja għal kollox, kien żeluż lejn Alla. Sawl kien raġel reliġjuż ħafna, devot ħafna għal Alla, imma ma kienx Kristjan, hu rrifera għalih innifsu bħala "*l-ewwel wieħed fost il-midinbin*" (1 Timotju 1:15).

Sempliċiment billi persuna tkun onesta, sinċiera, u tgħix quddiem Alla fil-kuxjenza tajba kollha ma jfissirx li hija Kristjana tajba. Sawl kien raġel onest ħafna u "żeluż lejn Alla," imma ma kienx salv. X'għamel Sawl biex ikun salv?

## EMMEN U TGĦAMMED

Waqt li Sawl kien fi triqtu lejn Damasku biex jippersegwità l-knijsa tal-Mulej tagħna, Ġesù deherlu u qallu,

> "*Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?*"

Sawl wieġeb,

> "*Min int, Mulej?*"

Ġesù wieġeb,

> "*Jiena Ġesù, li int qiegħed tippersegwitah.*"

Imbagħad, jitriegħed u mgħaġġeb, Sawl qal,

> "*Mulej, X'għandi nagħmel?*"

Kristu wieġeb,

> "*Qum u idħol il-belt, u hemmhekk igħidulek x'għandek tagħmel*" (Atti 9:6).

Sawl stenna fil-belt ta' Damasku biex *jisma' x'għandu jagħmel* biex isalva. Għal tlitt ijiem u tlitt iljieli hu kien penitenti b'mod profond u hu talab. Xorta kien għadu mhux salv! Fl-aħħar, l-Evanġelju, li hu kellu jisma' biex ikun jaf x'għandu jagħmel biex isalva,

kien miġjub lilu minn Ħananija. Skond Atti 22:16, Sawl kien ikkmandat,

> "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ isem il-Mulej.*"

Hu kien mgħarraf "*x'għandu jagħmel.*" Il-kmand mogħti lilu kien:

> "*Tgħammed u nħasel minn dnubietek.*"

Dnubietu kienu maħfura jew maħsula *meta hu tgħammed!* Il-magħmudija kienet essenzjali għas-salvazzjoni tiegħu. Għalkemm kondizzjonijiet oħra huma l-istess essenzjali, il-magħmudija mhix inqas essenzjali. Bħala emmieni penitenti, hu kien mgħammed fi Kristu (Rumani 6:3-4; Galatin 3:26-27).

## RIĊIEVA D-DAWL—SALV?

Xi wħud jistgħu jistaqsu, "Ma kienx Salw salv fit-triq lejn Damasku meta hu rċieva d-dawl tiegħu? Sawl kien magħmul ma jarax (agħma) bid-dija tad-dawl. Aktar wara d-dawl fiżiku ta' għajnejh kien mogħti lura, imma din iċ-ċirkustanza partikulari bl-ebda mod ma kienet relatata mas-salvazzjoni tiegħu. Jekk Sawl kien salvat qabel ma hu kien mgħammed, il-Mulej dan ma kienx jafu għaliex Kristu qal biex igħidulu x'għandu jagħmel. Jekk hu kien salvat qabel ma kien mgħammed, Sawl innifsu dan ma kienx jafu! Jekk Sawl kien salvat qabel ma hu kien mgħammed, hu kien salvat bi dnubietu għadhom mhumiex maħfura! Tinsiex, li ntqal lilu,

*"Qum, tgħammed* ***U*** *nħasel minn dnubietek."*

Ukoll xi wħud jippruvaw igħidu li Sawl kien salv qabel ma hu tgħammed minħabba li Ħananija sejjaħlu "ħija" u dan kien qabel ma ntqal lilu biex iqum u jitgħammed (Atti 22:13). Imma dan huwa żball li jsir minn ħafna biex iwasslu t-tagħlim żbaljat tagħhom fejn huma ma jħallux l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u jagħtu l-interpretazzjoni tagħhom stess! Huwa faċli biex wieħed ikun jaf eżatt f'liema sens Ħananija uża l-kelma "ħija." Jekk aħna mmorru lura għal Atti 2:37-41, għandna eżempju ċar ta' dan. Wara li Pietru spiċċa d-diskors tiegħu, fil-Jum ta' Pentekoste, naqraw hekk,

> *"Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: '****L-aħwa****, x'għandna nagħmlu aħna?" U Pietru weġibhom: "****Indmu, u jitgħammed*** *kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu…U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalilhom: "****Salvaw lilkom infuskom*** *minn dan in-nisel ħażin. Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar* ***ingħaqdu mad-dixxipli*** *madwar tlitt elef ruħ"* (Atti 2:36-38, 40, 41; enfasi tiegħi).

Jista' xi ħadd isostni li billi lil Pietru u l-appostli l-oħra sejħulhom "aħwa" allura dan kien ifisser li huma kienu *diġa'* aħwa *spiritwali*, kienu *diġa' salvi*? Jista' wieħed ikun salv qabel ma hu jkun jaf x'għandu jagħmel biex isalva? Jista' wieħed ikun salv qabel ma hu "*jindem*"? (v. 38). Jista' wieħed ikun salv qabel ma hu "*jitgħammed fl-isem ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra ta' dnubietu*"? (v. 38). Jista' wieħed ikun salv qabel ma "*jilqa' l-kliem*" li jkun intqal lilu biex isalva? (v. 41). Mela l-kelma "ħija" u "l-aħwa" huma wżati mhux f'sens spiritwali imma f'sens ta' ħbiberija, f'sens ta' rispett, l-istess kif nużawhom aħna fil-ħajja ta' kuljum ma' nies oħra li fil-fatt mhumiex Kristjani! Jekk dawk li staqsew lil Pietru "x'għandhom jgħamlu biex isalvaw" kienu salvi qabel ma kienu jafu x'kellhom jagħmlu sempliċiment għaliex huma sejħulhom "l-aħwa" (vers 37) allura kull min isejjaħ lil xi Kristjan "ħija" jew xi Kristjan isejjaħ lil xi ħadd "ħija" dik il-persuna tkun salva mingħajr ebda ħtieġa ta' fidi, indiema, magħmudija, stqarrija, eċċ.! Aktar minn hekk, dik il-persuna tkun salva mingħajr id-demm ta' Kristu! Tkun salva mingħajr ma tkun "*midfuna ma' Kristu*" u mingħajr ma tkun "*imqajma ma' Kristu bil-magħmudija*" (Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12). Tkun salva mingħajr ma tkun *libset* lil Kristu bil-magħmudija (Galatin 3: 27). Tkun bdiet il-ħajja ġdida tagħha *qabel* ma hija tkun tgħammdet fi Kristu (Rumani 6:3, 4). Tkun salva qabel ma hija tkun "*saret ħaġa waħda ma' Kristu f'mewt tixbaħ lil Tiegħu,*" u tkun ingħaqdet "*fil-qawmien ta' Kristu*" qabel ma hija tkun ġiet "*midfuna ma' Kristu*" (Ara Rumani 6:3-5).

## STQARRIJA TA' KRISTU

L-appostlu Pawlu enfasizza l-importanza li wieħed jistqarr lil Ġesù bħala l-Mulej tiegħu:

> "*Jekk int **tistqarr** b'fommok, "Ġesù hu l-Mulej," u temmen b'qalbek li Alla qajmu mill-imwiet, **inti ssalva**. Għax bil-qalb il-bniedem jemmen fil-ħaqq; u bil-fomm wieħed jistqarr għas-salvazzjoni*" (Rumani 10:9-10; enfasi tiegħi).

L-uffiċjal mill-Etijopja ma stqarrx xi kredu tal-bnedmin, jew stqarr xi esperjenza pekuljari, jistqarr salvazzjoni **qabel** ma hu kien mgħammed fi Kristu. Hu stqarr,

> "*Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla.*"

Iva, wieħed isalva bil-fidi, imma mhux bil-fidi biss! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna li huwa jsalva *wkoll* billi "*jistqarr b'fommu, "Ġesù hu l-Mulej.*" Minn dan wieħed jista' jara kemm huma żbaljati dawk li jgħallmu salvazzjoni bil-fidi biss! Xi kultant, il-bniedem tant ikun ossessjonat b'ċertu tagħlim falz, li saħansitra jasal biex iżid kliem fil-Bibbja Mqaddsa biex iwassal it-tagħlim falz tiegħu u b'hekk iqarraq bil-qarrejja. Eżempju ta' dan narawh f'xi traduzzjonjiet tal-Bibbja bl-Ingliż fejn biex juru li persuna ssalva bil-fidi biss huma daħħlu jew żiedu l-kelma "only." Fil-Verżjoni, Good News Bible naqraw hekk f'Rumani 3:28,

> "*For we conclude that a person is put right **with God <u>only</u>** through faith, and*

*not by doing what the Law commands*"
(enfasi tiegħi).

Fil-Malti taqra hekk,

"*Għalhekk aħna nżommu li l-bniedem hu ġġustifikat [**biss**] permezz tal-fidi mingħajr l-opri tal-liġi.*"

Il-kelma "only" (biss) mhix fl-oriġinal u b'hekk din tbiddel is-sens kollu ta' dak li tgħid il-Kelma ta' Alla. Imma hawn tajjeb li wieħed jaqra (Galatin 1:6-9 u Apokalissi 22:18-19) u mbagħad jikkonkludi liema huwa l-veru tagħlim u liema huwa tagħlim falz!

## RAĠEL TAJJEB RELIĠJUŻ MITLUF

Kornejlu kien raġel li jitlob, tajjeb, u reliġjożament devot (Atti 10:1-2), imma kien mitluf. Xi wħud jagħmlu l-iżball billi, mingħajr ma l-ewwel jaraw sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla, jkunu ħfief u jgħidu li Kornelju kien salv meta niżel l-Ispirtu s-Santu fuqhom. Imma jekk aħna nħallu l-Kelma ta' Alla, u mhux tal-bnedmin, tgħidilna *kif u meta* Kornelju kien salv, m'għandna jkollna ebda diffikultà. Hu kien imħeġġeġ biex jibgħat għal Pietru,

"*u hu jgħidlek kliem **li bih issalva***"
(Atti 11:14; enfasi tiegħi)

Kornelju, skond l-ispirazzjoni, kien salv "bil-**kliem** li qallu Pietru." Hekk tgħid il-Kelma ta' Alla, imma l-bnedmin igħidu mod ieħor! Ovvjament, hu ma kienx salv. Kien neċessarju għal Kornelju li *jisma'*, *jemmen* u *jobdi* l-Evanġelju—"*kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha*." Pietru,

> "*ordna li jitgħammdu fl-isem tal-Mulej*" (Atti 10:48).

Kien l-istess Pietru li f'okkażjoni oħra ddikjara:

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom…*" (Atti 2:38).

Ukoll, kien l-istess Pietru li ddikjara,

> "*…issa l-magħmudija ssalvana ukoll*" (1 Pietru 3:21).

L-unika ħtieġa divina magħmula minn Kornelju kienet li jitgħammed fi Kristu. Dan ma jfissirx, iżda, li persuna hija salva bil-magħmudija weħidha. Huwa evidenti li huma kienu emmiena penitenti, u bħala emmiena, kienu mgħammda fi Kristu, libsu 'l Kristu (Galatin 3:27). Il-Kelma ta' Alla tordna lis-semmiegħ biex jem-men, jindem u jkun mgħammed (Mark 16:15, 16; Luqa 13:3, 5; Atti 17:30; Atti 2:38). Ma hemm l-ebda dubju, li hemm ħafna nies onesti, sinċiera u reliġjoża-ment devoti li jeħtieġu jobdu lill-Mulej billi jkunu mgħammda fi Kristu biex ikunu salvi, kif kien il-każ ta' Kornelju.

Diżubbidjenza għall-kmandi tal-Mulej, ukoll għal-kemm wieħed ikun reliġjożament reliġjuż, tista' tikka-wża li ruħu tintilef. Kornelju kien mitluf sakemm int-qal lilu permezz ta' Pietru "*kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha*," li kienu "*mgħammda fl-isem tal-Mulej*" (Atti 11:14; 10:47-48). Kull persuna għand-ha tħares fil-mera tal-Kelma ta' Alla u tipprova tara lilha nfisha kif inhi, tajba jew ħażina, reliġjuża jew mhux reliġjuża, u tirrisolvi biex tobdi l-kmandi

tal-Mulej, kif dawn japplikaw għaliha, ukoll jekk hija tkun teħtieġ biss li tkun mgħammda fi Kristu.

# SALVAZZJONI BIEX?

## 40 ĦAĠA (LI ALLA JGĦID) LI JSALVAW (KOLLHA GĦANDHOM IKUNU PREŻENTI QABEL MA WIEĦED IKUN SALV)

Xi wħud igħallmu li persuna tkun salva hekk kif hija temmen fil-Mulej. Li temmen fil-Mulej hija ħtieġa kbira għas-salvazzjoni imma l-Bibbja turina li dik mhix l-unika ħtieġa għas-salvazzjoni. Ħalli naraw x'tgħid il-Bibbja dwar x'taħtieġ persuna li tagħmel u li jkollha għas-salvazzjoni.

### BIEX IL-BNIEDEM IKUN SALV?

1. **Atti 16:31**,

   "*Huma weġbuh: Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek.*"

2. **Rumani 10:13**,

   "*Għax kull min **isejjaħ** isem il-Mulej isalva.*"

**Mistoqsija**: Inkunu aħna salvi **biss** billi "**nemmnu** fil-Mulej jew **insejħu** isem il-Mulej"? Xi mexxejja reli-ġjużi hekk igħallmu. Li xi ħadd jieħu vers wieħed u fuqu jibni teorija sħiħa ta' tagħlim, dan ikun qiegħed jagħmel vjolenza kbira lill-Kelma ta' Alla. Imma x'tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa dwar is-salvazzjoni?

## IL-BIBBJA TGĦID LI AĦNA SALVI :

1. **Bil-GRAZZJA** – Atti 15:11; Efesin 2:5; Efesin 2:8; Titu 2:11
2. **Bit-TAMA** – Rumani 8:24 – "Għax **bit-tama** aħna salvi…"
3. **Bl-IMĦABBA** – 2 Tessalonikin 2:10; 1 Ġwanni 3:14-16
4. **Bit-TAGĦLIM** – 1 Timotju 4:16.
5. **Billi NIBQGĦU FIDILI SA L-AĦĦAR** – Matthew 10:22; Riv. 2:10.
6. **Bis-SABAR** – **2 Pietru 3:15**.
7. **Bid-DEMM TA' KRISTU** – Mattew 26:28; Atti 20:28; Rumani 5:9; Efesin 1:7; 1 Pietru 1:18-19; Rivelazzjoni 1:5.
8. **Permezz tal-ĦAJJA TA' KRISTU** – Rumani 5:10.
9. **Bl-EVANĠELJU** – Rumani 1:16 ; 1 Korintin 15:1-2.
10. **Bil-KELMA** – Ġakbu 1:21.
11. **Bl-ISKRITTURA** – 2 Timotju 3:15.
12. **Billi NSEJĦU L-ISEM TAL-MULEJ** – Rumani 10:13; Atti 22:16; Atti 2:21.
    i. Innota: Il-mod li bih huma "sejħu" ma kienx permezz tat-talb, imma bil-fidi, bl-indiema, u bil-magħmudija tagħhom – Atti 2:36-38.
13. **Bil-PREDIKAZZJONI** – 1 Korintin 1:21; Rumani 10:13-14.
14. **Bil-FIDI** – Rumani 5:1; Galatin 3:26; Efesin 2:8; Lhud 11:6.

- **Iva, aħna salvati bil-fidi u mhux bl-opri imma x'inhi l-fidi skond il-Mulej tagħna Ġesù Kristu?**
  a. **Ġwanni 6:29** – "Weġibhom Ġesù: **L-OPRA** ta' Alla hija din: li intom **temmnu** f'dak li huwa bagħat" (enfasi tiegħi).
     i. L-*opra* hija din—li intom *x'tagħmlu*?
     ii. Li intom **temmnu**!
     iii. FIDI, skond Ġesù, hija **OPRA**!
     iv. Imma mingħajrha ma nistgħux nogħġbu lil Alla!
     v. Mela l-fidi hija meħtieġa għas-salvazzjoni.

15. **Bit-TWEMMIN** – Mark 16:15-16; Ġwanni 3: 16; 8:24; 20:31; Atti 16:30-31
16. **Imma TWEMMIN BISS MHUWIEX BIŻŻEJJED!**
    a. **Ġwanni 12:42-43** – "Imma b'danakollu ħafna mill-kapijiet **emmnu** wkoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewhx, biex ma jitkeċċewx 'il barra mis-sinagoga. Għalihom kienet aktar għażiża l-glorja tal-bnedmin mill-glorja ta' Alla."
17. **BI STQARRIJA TAL-FIDI TA' DAK LI JKUN FIL-MULEJ** – Rumani 10:9-10; Atti 8:35-39.
18. **Bl-INDIEMA** – Luqa 13:3; Atti 2:28; Atti 3:19; Atti 17:30; Atti 26:20; 2 Korintin 7:10.
19. **Bil-MAGĦMUDIJA** – Mark 16:16; Atti 2:38; Atti 22:16; 1 Pietru 3:21 – "Dan l-ilma kien

ifisser il-**magħmudija, li issa ssalva lilkom** ukoll."

Il-mistoqsija hawn hija din: **Il-magħmudija, minn xhix issalvana**?

20. **Bl-UBBIDJENZA** – Mattew 7:21; 21:28-31; Rumani 2:8-9 ; 6:16-18; Filippin 2:12; Lhud 5:9.
21. **Billi WIEĦED JGĦAMMAR FIL-MULEJ** – Ġwanni 15:1-6; Rumani 8:1; 2 Korintin 5:17; 1 Ġwanni 5:12; 2 Ġwanni 9.
22. **Bil-KUXJENZA (MHUX VJOLENTATA)** – Rumani 14:23.
23. **Billi MMUTU GĦALL-ĦAJJA MIDINBA** – Rumani 6:12, 13, 16.
24. **Billi NIBŻGĦU MINN ALLA** – Atti 10:34-35; Rumani 3:9-18.
25. **Billi NAĦFRU LILL-OĦRAJN** – Mattew 6:14-15; 18:21-35.
26. **B'ALLA L-MISSIER** – 2 Tessalonikin 2:13; 1 Timotju 4:9-10; 2 Timotju 1:8-9.
27. **Bil-QDUSIJA** – Rumani 6:22; Lhud 12:14.
28. **BL-UMILTÁ** – 1 Pietru 5:5-6.
29. **Bil-ĦNIENA TA' ALLA** – Rumani 2:4; Titu 3:5; 1 Pietru 1:3-4.
30. **B'ĠESÙ KRISTU** – Mattew 1:21; Ġwanni 10:9; 11:25; 1 Timotju 1:15.
31. **Permezz TAGĦNA NFUSNA** – Atti 2:37, 40; Atti 16:30; Atti 22:10 – '**X'għandi nagħmel**? …"

a. Minn dawn l-Iskritturi naraw li *hemm xi ħaġa li **wieħed għandu jagħmel*** biex isalva!

29. **Permezz TA' NIES OĦRA** – Atti 8:12-13; Atti 8:34-39; Atti 11:13-14; Atti 22:12-16; 1 Korintin 9:22.

30. **Permezz TA' KLIEM** – Atti 11:13-14 –u hu **jgħidlek kliem li bih issalva**, int u l-familja tiegħek kollha.'"

33. **Permezz TA' REALIZZAZZJONI TAD-DNUBIET TA' DAK LI JKUN** – Luqa 5:32; Ġwanni 9:39-41; Rumani 3:10, 23; 5:12.

34. **Permezz tal-PERSERVERANZA** – Rumani 2:7.

35. **Permezz tal-QAWMIEN TA' KRISTU** – Atti 5:30-31; Atti 13:32-34, 37-38; Rumani 4:25; 1 Korintin 15:12-20;1 Pietru 1:3

36. **Bil-ĠUSTIZZJA** – Rumani 10:1-3; 1 Ġwanni 3:7, 10.

37. **Bl-ISPIRTU** – Rumani 8:11; 8:14; 1 Korintin 6:11; 1 Korintin 12:13.

38. **Bl-OPRI, (EGĦMEJJEL)** – Ġakbu 2:21, 22, 24

39. **Billi NAĦSBU FL-ISPIRITWALI** – Rumani 8:6-8, 12-13

40. **Billi NIMXU FID-DAWL** – 1 Ġwanni 1:7 – "Iżda jekk nimxu **fid-dawl**, kif inhu **fid-dawl** hu stess, aħna nissieħbu flimkien, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub."

Nikkwota kliem Ġakbu fejn qal,

> "*Taraw mela kif bl-opri isir ġust il-bniedem, **u mhux bil-fidi weħidha.***"
> (Ġakbu 2:24; enfasi tiegħi).

1. **Kolossin 1:13-14** – Il-fidwa u l-maħfra tad-dnubiet huma fi Kristu – Atti 2:36-38.
2. **2 Korintin 5:17** – Persuna hija ħolqien ġdid fi Kristu.
3. **Efesin 1:3** – Il-barkiet kollha huma fi Kristu.
4. **2 Pietru 1:20-21; Ġwanni 8:30-32** – Il-verità teħliskom.
5. **Mattew 7:21-27; Ġwanni 12:47-50; Ġakbu 1:22** – Tisma; u tagħmel.
6. **Rumani 6:17-18** – Li tobdi = li tkun ħieles.

## MIN KIEN MGĦAMMED?

Kienu xi trabi mgħammda meta l-għassies kien mgħammed? (Atti 16:25-34).

It-tweġiba hija ċara u pożittiva! Dawk li kienu mgħammda kienu dawk li ntqal lilhom,

> "*Emmnu fil-Mulej Ġesù Kristu.*"

Pawlu u Sila għallmuhom x'għandhom jemmnu meta huma:

> "*ħabbru l-kelma tal-Mulej lil dawk kollha li kienu f'daru*" (Atti 16:31-32).

It-trabi ma jistgħux ikunu mgħallma l-Kelma tal-Mulej; għalhekk, meta Pawlu u Sila ħabbru l-Kelma tal-Mulej lil "*dawk kollha li kienu f'daru*" huma ma kinux qegħdin ikellmu lit-trabi! Huma kellmu lil dawk li kieju kapaċi jifhmu x'kien qiegħed jiġi mgħallem u jemmnu dak li kien mismugħ. Dawk li kienu mgħam-

mda kienu dawk li kienu mgħallma u obdew dak li kien mgħallem. Trabi ma kinux inklużi fost dawk mgħammda!

L-ewwel magħmudija li saret taħt il-kummissjoni divina tal-Mulej tagħna, kienet meta tgħammdu madwar tlitt elef ruħ fl-ewwel Pentekoste wara l-qawmien ta' Kristu, li nsibuha miktuba f'Atti 2. Pietru ppriedka l-Evanġelju. Eluf semgħu, emmnu, nidmu, u kienu mgħammda. Jista' xi ħadd jimmaġina trabi u tfal jintqal lilhom biex *jindmu* u jitgħammdu? Ir-rakkont jgħid li dawk li "*laqgħu kliemu*" tgħammdu (Atti 2:41). Trabi ma jistgħux jirċievu jew jemmnu l-kelma; għal-hekk, it-trabi ma kinu xmgħammda.

## IL-FAMILJA TA' LIDJA

Imma xi ħadd jista; jissuġġerixxi li l-każ tal-konverżjoni ta' Lidja u l-familja tagħha, irreġistrat f'Atti 16:13-15, huwa xhieda li trabi kienu mgħammda f'dik l-okkażjoni. Din hija purament preżunzjoni.

L-ewwel, għandu jkun li tassumi li trabi jinsabu f'kull familja u li kienu mgħammda meta l-familja ta' Lidja tgħammdet! Biex tipprova li trabi kienu magħmmda mal-familja ta' Lidja, l-ewwel propożizzjoni tkun li tipprova li Lidja kienet miżżewġa u li kellha t-tfal. It-tieni: li xi wħud mit-tfal kienu trabi. It-tielet: għandu jkun ippruvat li dawn it-trabi kienu magħha, għal-kemm hi kienet tgħix f'Tijatira u mbagħad, f'dak il-ħin kienet fil-belt ta' Filippi, madwar 480 kilometru 'l bogħod minn mid-dar tagħha. Preżunzjonijiet mhux fondati bħal dawn huma f'kontradizzjoni diretta għall-

Iskrittura. Dawk li kienu mgħammda kienu dawk li semgħu, emmnu u obdew l-Evanġelju!

F'Atti 16:13 naqraw hekk:

> "*…Meta wasal is-Sibt, ħriġna barra l-bieb tal-belt, lejn ix-xatt, fejn dehrilna li kien hemm dar tat-talb. Qgħadna bilqiegħda, u bdejna* ***nkellmu*** *lin-nisa li kienu hemm miġbura flimkien…il-Mulej fetħilha qalbha* ***biex tifhem*** *dak li kien igħid Pawlu. Wara li tgħammdet hi u l-familja tagħha….*" (enfasi tiegħi).

Il-mistoqsija hawn hija din: "Lil **MIN** kellmu Pawlu u Barnaba, lil nies *adulti* jew lil *trabi*?" Il-Mulej, il-qalb ta' **MIN** fetaħ *biex tifhem* ta' *adulta* jew ta' *tarbija*? Għaliex Lidja u l-familja tagħha tgħammdu? Għaliex huma **fehemu** dak li Pawlu u Barnaba qalu-lhom! Trabi dan ma jistgħux jagħmluh!

> "*Dawn l-irġiel huma qaddejja ta' Alla l-Għoli, li* ***jxandrulkom*** *it-triq tas-salvazzjoni*" (Atti 16:30-32; enfasi tiegħi).

Lil **MIN** huma **jxandru** t-triq tas-salvazzjoni, lil *adulti* jew lit-*trabi* wkoll? X'ikun l-iskop lix-xandar it-triq tas-salvazzjoni lit-trabi meta dawn ma jistgħux ikunu jafu jew jifhmu x'qiegħed int ixxandrilhom? Imma ma qalx il-Mulej, "*MIN* ***jemmen*** *u jitgħammed isalva*"?

## KIF TGĦAMMDU?

Xi ħadd jista' jgħid, "Billi dawn in-nies kienu koll-ha fil-ħabs, ma jistax ikun li ftit ilma kien imferragħ

fuq rashom għall-magħmudija? Imma jekk huma kienu mbexxa għall-magħmudija, allura mhuwiex it-tibxix sostituzzjoni aċċettabbli għall-magħmudija?

Tibxix ta' ilma bħala sostituzzjoni għall-magħmudija, **qatt** ma kien aċċettabbli għal Alla. Qatt ma kienet prattika bħal din magħrufa fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid. Din il-prattika kienet introdotta f'dik li hi msejħa "Reliġjon Kristjana" mill-Knisja Kattolika Rumana fil-Konċilju ta' Ravenna fis-sena 1311. Il-Kattoliċi Griegi ma aċċettawx il-prattika ta' li tissosti-twixxi tibxix ta' ilma għall-magħmudija fl-ilma (im-mersjoni fl-ilma) u huma għadhom ma jaċċettawħx dan illum, għalkemm awtorizzata mill-papa. Ħadd qatt ma kien imbexxex għall-magħmudija bl-awtorità ta' Kristu jew ta' l-appostli Tiegħu. Tibxix u li tferragħ l-ilma għall-magħmudija huwa magħmul bl-awtorità tal-bniedem u mhux ta' Kristu!

Evidentament, Alla kien jaf li xi darba nies mortali u mhux ispirati jfittxu biex iħassru l-Kelma ta' Alla u jingannaw nies onesti billi jissuġġerixxu li l-għassies u dawk ta' daru setgħu kienu mgħammda b'dak il-mod (bit-tibxix), jassumu li billi huma kienu fil-ħabs possibbilment ma kinex hemm ilma biżżejjed li fih ikunu midfuna bil-magħmudija.

La titqarrqux! Ikun osservat fil-vers 30, ta' Atti 16, li jintqal,

> "*Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom: "Sinjuri, x'għandi nagħmel biex insalva?*"

Il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, tirreġistra l-fatt li huma kienu "*maħruġa barra*" mill-ħabs. Mhux hekk biss, imma wara li kienu mgħammda, jintqal f'vers 34,

> "*Imbagħad tellagħhom id-dar tiegħu, għamlilhom mejda, u feraħ man-nies kollha ta' daru talli kien emmen f'Alla.*"

Huma "*ħarġuhom barra*" u marru f'xi post fejn kien hemm l-ilma u huma kienu mgħammda. Imbagħad, hu "*tellagħhom id-dar tiegħu*" wara li kien obda lill-Mulej, jemmen f'Alla, u jkun salv mid-dnubiet tiegħu tal-passat.

## MAGĦMUDIJA, DIFNA U QAWMIEN

L-appostlu Pawlu, li ppriedka l-Evanġelju lill-għassies, kiteb lir-Rumani:

> "*Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien im-qajjem mill-mewt permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida. Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbaħ lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt*" (Rumani 6:3-5).

Pawlu jgħid ukoll l-istess ħaġa f'Kolossin 2:12,

> "*Indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.*"

Il-magħmudija, mela, hija difna, inkwantu fejn wieħed ikun mgħammed, kemm jekk fil-ħabs, fid-dar, jew barra mill-bini.

Hemm tliet ħwejjeġ implikati fl-att tal-magħmudija, jew difna. L-ewwel: il-ħaġa li għandha tindifen. It-tieni: il-ħaġa midfuna fiha. It-tielet: l-att li tidfen. Dif-na tista' tkun differenti f'ħafna modi dwar il-ħaġa mid-funa. Tista' tkun bniedem, żiemel, jew teżor. Tista' tkun differenti dwar il-ħaġa midfuna fiha. Tista' tkun midfuna fl-art jew fl-ilma, imma l-att li tidfen **qatt** ma jista' jkun hemm differenza fih. Għandu jkun hemm tqegħid u kisi f'kull difna. Individwu, għalhekk, ma jistax ikun midfun bi ftit qtar ta' ilma mferragħ fuq rasu! Persuna tkun mgħaddsa fl-ilma meta tkun mid-funa fil-magħmudija, u hija tkun mgħammda biss meta tkun mgħaddsa fl-ilma!

## L-ISKULARI KOLLHA JAQBLU

L-iskulari eminenti kollha jaqblu li l-magħmudija fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid kienet issir bl-imm-ersjoni **biss**. Fil-fatt, jekk wieħed jaqra l-kumment fit-traduzzjoni bil-Malti tat-Testment il-Ġdid mill-Għaqda Biblika Maltija ta' Rumani 6:3, dan għandu jaqra hekk:

> 3. "**Tgħammdina fil-mewt tiegħu**" fi żmien l-Appostlu min *jitgħammed kien jogħdos bħallikieku ndifen fl-ilma*, bħalma Kristu kien midfun fil-qabar." (Enfasi tiegħi.)

It-Traduzzjoni Bibbja Saydon għandha dan il-kumment dwar Rumani 6, versi 3 u 4:

> 3. Ifisser kif in-nisrani jmut għad-dnub. Il-magħmudija kienet issir *bil-għadis fl-ilma. L-għadis kien xbiha* tal-mewt u d-difna ta' dak li qiegħed jitgħammed; u *t-tlugħ mill-ilma xbiha tal-qawmien mill-mewt* u tal-bidu ta' ħajja ġdida; l-ilma qisu Kristu stess; għalhekk in-nisrani kien jitgħammed fi Kristu, jingħaqad miegħu u jsir ħaġa waħda miegħu. *Għalhekk il-magħmudija hi l-għaqda tan-nisrani mal-mewt ta' Kristu* li ħelisna mid-dnub b'mewtu. Jekk il-magħmudija hi mewt, mela n-nisrani hu mejjet għad-dnub.
>
> 4. Il-magħmudija *hi mewt u difna* u rabta mal-mewt ta' Kristu, hi wkoll qawma ma' Kristu u bidu ta' ħajja ġdida. (Enfasi tiegħi.)

F'Kolossin 2:12, naqraw hekk fit-Traduzzjoni Bibbja Saydon,

> "*Mnidfunin miegħu bil-magħmudija, qomtu wkoll miegħu bil-fidi fil-qawma ta' Alla li qajmu minn bejn l-imwiet.*"

Il-kumment tal-Bibbja Saydon dwar Kolossin 2:12, jgħid hekk:

> 12. Ifisser x'inhi ċ-ċirkonċiżjoni nisranija jew il-magħmudija. *Min jitgħam-*

> *med ikun qisu midfun meta jinżel fl-ilma; imma meta joħroġ ikun qisu qam mill-mewt.* Mela l-magħmudija hi l-bidu ta' ħajja ġdida spiritwali. Imma biex il-magħmudija jkollha l-effett li tnissel il-grazzja, *jaħtieġ li min jitgħammed jemmen* li Alla bil-qawwa tiegħu qajjem 'il Kristu mill-mewt." (Enfasi tiegħi.)

Jiena hawn nixtieq nagħmel xi mistoqsijiet lil dawk kollha li kienu mgħammda bi ftit qtar ta' ilma fuq rashom bħala trabi.

Skond il-kummenti li għadna kif rajna, **l-għadis fl-ilma** hu **xbiha** tal-mewt u d-difna ta' Kristu. **It-tlugħ mill-ilma** hu **xbiha** tal-qawmien mill-mewt ta' Kristu. Għamiltu dan int fil-magħmudija tiegħek jekk int kont mgħammed bħala tarbija?

Saydon igħid li "**<u>Jaħtieġ</u> li min jitgħammed <u>jemmen</u>**..." Il-mistoqsija tiegħi lil dawk li huma mgħammdin bħala trabi hija din: Kontu intom **temmnu** meta ftit ilma kien imferragħ fuq raskom bħala trabi? It-tweġiba għandha tinagħta lill-Mulej għaliex **kien Hu li kkmanda** l-immersjoni fil-magħmudija u mhux jien! Il-kelma *baptidzo* li tfisser *immersjoni* hija wżata mill-kittieba ispirati kollha u mhux *rantidzo* li tfisser *tibxix*.

Jekk inti Kattoliku Ruman, u trid aktar provi dwar il-mod tal-magħmudija, jiġifieri, li l-magħmudija hija "immersjoni," ara dawn li se nsemmi fil-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika: 628, 1214, 1278, 1002, 1239, 1240, 1262.

## IBEN TA’ ALLA MHUX MGĦAMMED

Il-mistoqsija kienet magħmula, “Jekk il-magħmudija hija għall-maħfra tad-dnubiet, essenzjali għas-salvazzjoni, allura għandu iben (jew bint) ta’ Alla jkun mgħammed kull darba li huwa jidneb?

L-ewwelnett, jekk Kristjan jidneb, il-Kelma ta’ Alla tgħid hekk dwar x’għandu jagħmel,

> “*Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen. Jekk ngħidu li ma dnibniex, inkunu qegħdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina. Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tindinbux;* ***imma jekk xi ħadd jidneb****, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust. U hu jħallas għal dnubietna,…*” (1 Ġwanni 1:9—2:1, 2; enfasi tiegħi).

Il-magħmudija hija kondizzjoni waħda tas-salvazzjoni, ikkmandata minn Kristu, biex tkun obduta biss mill-midneb frustier, jiġifieri, wieħed li qatt ma kien sar iben jew bint ta’ Alla, Kristjan tat-Testment il-Ġdid. Ġesù ddikjara li l-magħmudija hija twelid, “*titwieled mill-ilma*” (Ġwanni 3:5), u wieħed ikun “*imwieled mill-ġdid*”—imwieled fil-familja ta’ Alla, darba waħda biss.

Li tkun mgħammed fi Kristu hu li ssir ħolqien ġdid:

> “*Intom li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu ’l Kristu*” (Galatin 3:27).

> “*Għalhekk jekk xi ħadd hu fi Kristu, hu ħolqien ġdid*” (2 Korintin 5:17).

Wieħed jista’ jsir iben jew bint ta’ Alla *darba biss*; għalhekk wieħed ikun mgħammed fi Kristu *darba biss*. Persuna tista’ tkun mgħaddsa (mgħammda) mingħajr ma tkun mgħammda fi Kristu. L-Efesin kienu mgħam-mda għat-tieni darba, imma mgħamudija *fi Kristu* ssir *darba biss*. (Aqra Atti 19:1-5.) Wieħed jista’ jkun mgħaddas fl-ilma għal ħafna raġunijiet, mingħajr ma jkun mgħammed Skritturalment. Persuna tista’ tkun mgħammda sempliċiment biex togħġob lil xi membru tal-fmailja tagħha. Jew, persuna tista’ tkun mgħammda għaliex hija taħseb li hi diġa’ kienet salva qabel il-magħmudija, kif inhu mgħallem minn ħafna mexxejja reliġjużi llum. Dik, ukoll, ma tkunx magħmudija skrit-turali! Imma meta l-emmieni penitent ikun “MGĦA-MMED FI KRISTU” (Galatin 3:27; Rumani 6:3), “GĦALL-MAĦFRA TA’ DNUBIETU” (Atti 2:38), “BIEX JINĦASEL MINN DNUBIETU” (Atti 22:16), hu jkun “IMWIELED MILL-ĠDID” (Ġwanni 3:5), u hu jsir “ĦOLQIEN ĠDID” (2 Korintin 5:17).

## X’GĦANDU JAGĦMEL KRISTJAN?

Il-Kristjan għandu r-responsabbiltà biex jadura u jservi lill-Mulej, skond ir-rieda ta’ Alla, u jgħix ħajja fidila kkonsagrata għal Kristu. Il-Kristjani tal-bidu:

> “*kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta’ l-appostli u fil-għaqda ta’ bejniethom u fil-qsim tal-ħobż u fit-talb*” (Atti 2:42).

Il-qima tagħna, jekk aċċettabbli għal Alla, għandha tkun "*fl-ispirtu u fil-verità*" (Ġwanni 4:24). Jista' jkun hemm qima fiergħa kif ukoll qima tassew. Kristu ddikjara,

> "*Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; igħal-lmu dottrina li mhuix għajr preċetti tal-bnedmin*" (Mattew 15:8, 9).

Qima, iddettata mill-bnedmin hija qima fiergħa. Qima mmexxija mill-verità divina, hija qima fl-ispirtu veru, hija aċċettabbli għal Alla. Verità divina tawtorizza qima pubblika:

- Fil-Jum tal-Mulej, l-ewwel jum tal-ġimgħa (Apokalissi 1:10; Atti 20:7; 1 Korintin 16:1-2).
- Għall-Ikla tal-Mulej (Atti 20:7; 1 Korintin 10: 16-17; 1 Korintin 11:23-29).
- Għall-kant ta' tifħir lil Alla u tagħlim u twissija (Efesin 5:19; Kolossin 3:16; Lhud 2:12).
- Għal talb u tagħlim pubbliku (Atti 2:42)

Għall-Kristjan biex ikun salvat eternament fis-Smewwiet, hu għandu jikber fil-grazzja u fl-għarfien, fir-rażna, fis-sabar, fit-tjieba, fil-ħbiberija, ta' l-aħwa u fl-imħabba. L-appostlu jikkonkludi:

> "*Għax jekk tagħmlu dawn il-ħwejjeġ, ma taqgħu qatt*" (2 Pietru 1:5-10; 3:18).

Pietru ddikjara,

> "*Waqt li tiksbu t-tmiem tal-fidi tagħkom, ukoll is-salvazzjoni ta' ruħkom*" (1 Pietru 1:9).

## X'GĦANDU JAGĦMEL IBEN TA' ALLA LI JKUN FL-IŻBALL?

Huwa possibbli għal ulied Alla li jiżbaljaw mill-verità u l-ġustizzja (1 Korintin 10:12; Galatin 5:1-4; 2 Pietru 2:20-21).

Ġakbu kiteb,

> "*Ħuti, jekk xi ħadd minnkom jitbiegħed mis-sewwa u xi ħadd ieħor iġibu lura, dan għandu jkun jaf li min iressaq lura mit-triq il-ħażina 'l xi midneb, jeħles ruħu mill-mewt u jostor kotra ta' dnubiet*" (Ġakbu 5:19-20).

## INDIEMA, STQARRIJA, TALB

X'għandu jagħmel iben ta' Alla (Kristjan) meta jidneb kontra Alla? Eżempju jinsab f'Atti 8:13-14. Xmun sema' l-Evanġelju. Hu emmen u kien mgħammed. Hu sar Kristjan. Aktar tard, dineb kontra l-Mulej tiegħu. Pietru ċanfru, fejn iddikjara,

> "*int qalbek mimlija mrara u l-ħażen jassrek*" (vers 23).

Biex jikseb il-maħfra għal dnubietu, intqal lil Xmun,

> "*Indem minn dan il-ħażen tiegħek, u itlob **lill-Mulej** biex forsi jaħfirlek dan il-ħsieb ħażin tiegħek*" (vers 22).

Xmun talab lil Pietru,

> "*Itolbu għalija **lill-Mulej**, ħalli ma jiġrili xejn minn dan li intom għedtu*" (vers 24; enfasi tiegħi).

Id-dnubiet tagħna l-Mulej biss jista' jaħfirhom u ebda bniedem (Luqa 5:20-24).

Ġwanni wissa,

> "'*Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen. Jekk ngħidu li ma dnibniex, inkunu qegħdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina. Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tindinbux;* ***imma jekk xi ħadd jidneb****, aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust. U hu jħallas għal dnubietna,...*" (1 Ġwanni 1:9—2:1, 2; enfasi tiegħi).

Il-Kristjani kollha huma mwissija:

> "*Ibqa' fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja*" (Apokalissi 2:10).

## DIŻUBBIDJENTI—UBBIDJENTI SALV

Dawk biss li jobdu r-rieda ta' Alla jistgħu jistennew li jkunu salvi. Ġesù jgħid:

> "*Mhux kull min igħidli, 'Mulej, Mulej,' jidħol fis-saltna tas-smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet! F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, 'Mulej, Mulej, mhux f'isemk ħabbarna aħna? U mhux f'ismek keċċejna x-xjaten u f'ismek għamilna ħafna mirakli?' Imbagħad jien ngħidilhom, 'Lilkom qatt ma kont*

*nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!'"* (Mattew 7:21-23; 2 Tessalonikin 1:7-9).

Din hija twissija serja ħafna speċjalment għal dawk li llum qegħdin iħabbru f'isem il-Mulej imma qegħdin igħallmu tagħlim li mhuwiex Skritturali imma huwa tagħlim tal-bnedmin! Din hija twissija serja ħafna wkoll, speċjalment għal dawk li llum qegħdin jippretendu li għandhom is-setgħa li jfejqu, l-hekk imsejħa "faith healers." Hija twissija serja ħafna wkoll, speċjalment għal dawk li jseħu lilhom infushom "eżorċisti." Illum aħna nisimgħu ħafna priedki u tagħlim li m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' dak li tgħid il-Kelma ta' Alla, Il-Bibbja Mqaddsa. Illum nisimgħu dwar ħafna li jfejqu f'isem il-Mulej fejn dan ukoll mhuwiex skond il-Kelma ta' Alla għaliex illum ĦADD ma jista' jkollu dik is-setgħa! Dik is-setgħa kienu jistgħu jagħtuha biss l-appostli u llum l-appostli kollha m'għadhomx magħna! (Għal eżempju ara: Mattew 10:1; Atti 8:13-24. Ara speċjalment versi 17-22). L-istess dan japplika għal l-eżorċisti. Żgur li l-Mulej mhux qiegħed igħid dan il-kliem iebes għal dawk li ma jagħmlux dawn l-affa-rijiet!

Hemm jum kbir ta' ferħ u hena jistenna lill-mifdija. Il-Mjulej igħidilna hekk:

"*Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-saltna li thejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja*" (Mattew 25:34).

Għal darb'oħra, il-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu qiegħed igħidilna kontinwament:

> "*Għaliex issejħuli, 'Mulej, Mulej,' u mbagħad* ***ma tagħmlux*** *dak li ngħid jien?*" (Luqa 6:46; enfasi tiegħi).

Qabel ma wieħed ikun ħafif biex isejjaħ lil Ġesù "*Mulej, Mulej*" jara sewwa li dak li jemmen u jipp-rattika jaqbilx mal-Kelma Tiegħu u mbagħad isejjaħlu "*Mulej, Mulej*."

Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!


Għal aktar informazzjoni ikteb lil:

**KNISJA TA' KRISTU,**
**Flat 7, Polythecnic Flats,**
**Ġużè Debono Square,**
**Msida MSD 10,**
**Malta**

e-mail: info@churchofchristmalta.com
www.churchofchristmalta.com